MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 69/2013

Appell Numru: 69/2013

Il-Pulizija

[Spettur Edmond Cuschieri]

Vs

Mary Magdalene Sultana

Illum, 15 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Mary Magdalene Sultana, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 584676M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-18 ta' Novembru, 2009 u fil-jiem ta' qabel id-diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dawn il-Gzejjer hi:

Nhar il-11 ta' Novembru, 2009 gewwa l-Iscan Computers tal-Iklin iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €1610.36 ghad-dannu ta' PC Options T/A Scan u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll nhar it-12 ta' Novembru, 2009 gewwa l-Forestals tal-Gzira, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €604 ghad-dannu ta' FGL Entertainement LTD u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan talli wkoll nhar it-12 ta' Novembru, 2009 gewwa Peter Blond ta' B'Kara, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €340.37 ghad-dannu ta' Peter Bond Sales LTD u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan talli wkoll nhar it-13 ta' Novembru, 2009 gewwa The Model Shop ta' Iklin, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €164.65 ghad-dannu ta' The Model Shop Company Limited u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan wkoll talli nhar is-17 ta' Novembru, 2009, gewwa Pavi Supermarket ta' Hal Qormi, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti,

jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €1322.50 ghad-dannu ta' Pavi Shopping Complex PLC Limited u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll nhar l-14 ta' Novembru, 2009, u t-18 ta' Novembru, 2009 gewwa l-Homemate tal-Imriehel, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €1233.72 ghad-dannu ta' Homemate u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U nakkuzaha talli fit-18 ta' Novembru, 2009 u fil-jiem ta' qabel id-diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dan il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqnaqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' PC Options T/A Scan, FGL Entertainment Ltd, Peter Blond Sales LTd, The Model Shop Company Limited, Pavi Shopping Complex PLC, Homemate, B.O.V. u jew persuni ohra u dan ai termini tal-artikolu 308 u 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ai terminu tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi xjentement ghamilt uzu minn dokumenti foloz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skont il-Ligi, tornda lill-imputata sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

> Talli wkoll saret recidiva ai terminu tal-artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-4 ta' Mejju, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
>
> Talli wkoll kisret il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet illiberata taht kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-25 ta' Gunju, 2008 mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti fuq ammissjoni sabet lill-akkuzata hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti u dan talli fit-18 ta' Novembru, 2009 u fil-jiem ta' qabel id-diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dawn il-Gzejjer hi:

Nhar il-11 ta' Novembru, 2009 gewwa l-Iscan Computers tal-Iklin iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €1610.36 ghad-dannu ta' PC Options T/A Scan u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll nhar it-12 ta' Novembru, 2009 gewwa l-Forestals tal-Gzira, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €604 ghad-dannu ta' FGL Entertainement LTD u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan talli wkoll nhar it-12 ta' Novembru, 2009 gewwa Peter Blond ta' B'Kara, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €340.37 ghad-dannu ta' Peter Bond Sales LTD u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan talli wkoll nhar it-13 ta' Novembru, 2009 gewwa The Model Shop ta' Iklin, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €164.65 ghad-dannu ta' The Model Shop Company Limited u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan wkoll talli nhar is-17 ta' Novembru, 2009, gewwa Pavi Supermarket ta' Hal Qormi, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €1322.50 ghad-dannu ta' Pavi Shopping Complex PLC Limited u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll nhar l-14 ta' Novembru, 2009, u t-18 ta' Novembru, 2009 gewwa l-Homemate tal-Imriehel, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, ghas-somma ta' €1233.72 ghad-dannu ta' Homemate u jew persuni ohra ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U nakkuzaha talli fit-18 ta' Novembru, 2009 u fil-jiem ta' qabel id-diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dan il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqnaqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn elfejn tlet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' PC Options T/A Scan, FGL Entertainment Ltd, Peter Blond Sales LTD, The Model Shop Company Limited, Pavi Shopping Complex PLC, Homemate, B.O.V. u jew persuni ohra u dan ai termini tal-artikolu 308 u 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ai terminu tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi xjentement ghamilt uzu minn dokumenti foloz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli wkoll saret recidiva ai terminu tal-artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-4 ta' Mejju, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Talli wkoll kisret il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet illiberata taht kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-25 ta' Gunju, 2008 mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. u dan skont l-artikolu 18, 167, 18, 308, 309, 310, 183, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward il-piena, wara li kkunsidrat dak kollu premess kif ukoll li hi kkommettiet dak addebitat waqt il-perjodu ta' sentenza ta' "probation" u hi recidiva, il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li timponi sentenza <u>effettiva</u> ta' prigunerija.

Ghaldaqstant, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzata wara li rat l-artikoli msemmija ghall-piena ta' sena u sitt xhur prigunerija wara li kkunsiderat il-konkors ta' reati u pieni kif ukoll tordna li jitnaqqas il-perjodu kollu ta' arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appellanti Mary Magdalene Sultana minnha pprezentat fit-12 ta' Frar, 2013 fejn talbet lil din il-Qorti jogħoġobha tirriforma fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

a. Illi l-ewwel u qabel kollox l-appell hu limitat ghall-piena.

b. Illi mill-provi jirrizulta li l-istess imputat ammettiet il-hitja taghha kif dedotta kontriha. Illi dan ghandu jimmilita favur l-istess akkuzata.
c. Illi din apparti irrizulta mix-xhieda ta' Marietta Lanzon li l-komportament tal-akkuzata hi kundizzjonata mill-fatt li hi tbati minn *'bi-polar disorder'*. Illi dan ifisser li l-imputata iktar ghandha bzonn ghajnuna medika w li bhala konsegwenza, dan il-fatt ghandu jservi bhala fattur attenwanti stante li hi qatt ma kienet libera fil-komportament taghha minhabba l-kundizzjoni li ghandha.
d. Illi di piu, din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidera l-fatt li l-istess imputata indikat il-hsieb taghha li tirrisarcixxi l-vittmi tal-agir taghha, liema haga giet indikata fis-sentenza stess u li hija haga posittiva fid-dawl generali tal-kaz.
e. Illi s-suespost punti bl-ebda mod m'ghandhom jigu kunsidrati bhala ezawrenti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi f'Novembru tal-elfejn u disgha (2009) u f'xi zmien ta' qabel l-appellanti ghamlet diversi reati a detriment ta' terzi persuna u/jew negozji li kienu jinvolvu somom kbar ta' flus. L-appellanti tressqet il-Qorti biex twiegeb ghall-akkuzi li jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat fejn fl-ewwel seduta waqt l-ezami, fis-sbatax (17) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha.

B'sentenza tal-ewwel (1) ta' Frar tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati ikkundannat lill-appellanti ghal sena u nofs prigunerija effettiva. L-appellanti hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell peress illi deherilha illi l-piena erogata kienet gravuza wisq fil-konfront taghha.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti tirrileva illi l-appellanti giet addebitata bil-ksur tal-kondizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap 446 u bil-ksur ukoll ta' sentenzi sospizi waqt l-operazzjoni taghhom. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet kostretta illi teroga piena karcerarja effettiva la ma setghetx darba ohra timponi sentenza sospiza.

Din il-Qorti ma ghandha xejn x'ticcensura f'dan l-argument, però fil-mori ta' dan l-appell tat opportunità lill-appellanti sabiex thallas lura l-ammonti illi hadet minghand in-nies illi iddefrotat u bl-ghajnuna ta' Louis Bellizzi tal-Caritas l-appellanti hallset kollox u dawn in-nies defrowtati kollha iddikjaraw illi ma kellhomx aktar pretensjoni kontra taghha. Din il-Qorti innutat ukoll illi l-appellanta tbaghti minn bipolar disorder kif ukoll minn "manic depression" li jgaghluha tikkommetti dawn ir-reati. Illum l-appellanta qed tiehu l-kura ta' psikjatri kif ukoll professjonisti ohra u tinsab sewwa fi triq ta' fejqan. Dan xehedu Louis Bellizzi kif ukoll il-psikjatra Mark Xuereb mic-certifikat esebit f'dawn l-atti fejn huwa iddeskriva l-kaz tal-appellanta bhala "... genuine and a deserving case."

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti ghandha tqis ruhha fortunata illi kellha l-ghajnuna ta' dawn in-nies professjonisti illi ghenuha tohrog jew almenu tikkumbatti s-sitwazzjoni medika taghha, sitwazzjoni li din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi kienet fattur kontributorju ghal dawn ir-reati li hija wettqet ghal habta ta' Novembru tal-elfejn u disgha (2009). Il-Qorti ukoll hija kuntenta tisma' illi l-appellanti fittxet u ottjeniet l-ghajnuna professjonali biex teghleb il-problemi illi ghandha, qieghda tikkopera u llum tinsab fit-triq tal-fejqan u skont l-istess Louis Bellizzi "there is not going back." Il-Qorti mhiex aversa ghal din is-sitwazzjoni u filwaqt illi tifhem l-argument tal-ewwel Qorti illi kienet prekluza illi teroga sentenza sospiza fuq l-appellanta, thoss illi tista' ghal darba ohra f'dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali teroga liberta kondizzjonata abbazi tal-Kapitolu 446.

Ghalhekk din il-Qorti b'sens ta' ottimizmu u fiducja favur l-appellanti tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija, izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok piena ta' sena u nofs prigunerija effettiva, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Din il-Qorti taghmilha cara illi din hija l-ahhar darba illi l-appellanti tista' tibbenefika minn tali konsiderazzjoni u jekk ma tkomplix tiehu l-kura u tikser difirha mal-ligi mhux se tinghata aktar opportunitajiet u zgur illi terminu ta' prigunerija effettiva jkun dak illi jisthoqilha f'dak il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------